FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 01 TA' DICEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Arthur Mercieca

vs

Kenneth Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 524172M akkuzat talli:

1. nhar it-27 ta' Frar 2013, gewwa Hal Qormi bejn it-8.00am u 15.00pm ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa vettura ABC 743 ghad-dannu ta' Ramsey Grima u jew persuni ohra liema serq ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.49) u kkwalifikat, bil-mezz, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruq, u dan ai termini tal-ARtikoli 261, 263(a), 271(g), 271(g), 278(1), 278(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkometta hsara volontarja fuq il-vettura EAU 486 ghad-dannu ta' Ramsey Grima liema hsara ma teccedix il-€50;
3. sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 49, 50 261 263(a), 271(g), 278(1)(2), u 289 tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi:

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum, bil-kundizzjoni li perjodikament l-ufficjal ghandu jiehu kampjun tad-demm/urina tal-imputat, ghall-finijiet li m'hemmx abbuz tad-droga, tapplika l-Artikolu 24 tal-Kap 446, b'dan illi, € 150 ghandhom jithallsu lill-vittma fi zmien sitt xhur.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.